Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1416/2004

**Pollacco Paul (ID 98530M) u martu Pollacco Adelina (ID 68731G)**

**Vs**

**Polidano Ilenia (ID 180677M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Luju 2004 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm232.20 (mitejn tnejn u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-16 ta' Frar 2004 gewwa l-Furjana.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Prevja li tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'Capuccini Street, Floriana fis-16 ta' Frar, 2004 li fih kienu involuti l-vettura BAA 586 propjeta` tal-attur Paul Pollacco u l-vettura YLN

903 misjuqa mill-konvenuta, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm232.20) rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatatorja, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’xi tort tal-konvenuta Ylenia Polidano, izda unikament tort ta’ Paolo Pollacco u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess Paolo Pollacco, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkoncerna kollizzjoni li grat fil-kurva bejn it-triq tal-Kappucini tal-Furjana u l-Policlinic ta’ l-istess post. L-attur kien diehel fid-direzzjoni tal-Kappucini, filwaqt li l-konvenuta kienet hierga.

Illi r-rizoluzzjoni ta’ din il-vertenza hija cirko skritta bil-vetturi kif spiccaw fuq mill-post u kif effettivament irraporti mill-pulizija nvestigattivi fl-*sketch*. Di fatti kien hemm kwistjoni fuq il-pozizzjoni tal-vettura tal-konvenut u bhala distanza u di fatti il-pulizija kellu jaghmel aggustament fl-istess *sketch*.

Illi l-attur kien ferm assidwu fil-prezentata tal-kaz tieghu. Tramite ritratti, *surveys* u pjanti pprova l-pozizzjoni tal-vettura konvenuta. Mill-verifiki jirrizulta illi rigward l-pozizzjoni kif finalment spiccat l-vettura konvenuta, dana ma hemm l-ebda vertenza. Il-vertenza kienet fejn effettivament spiccat il-vettura konvenuta.

Illi sabiex il-konvenuta kienet se tigi biex tohrog mill-pjazza tal-Kappucini hija ma kellhiex ghalfejn tinvadi l-karregjata tal-attur peress illi kellha spazju bizzejjed fuq ix-xellug biex tohrog il-barra. Li gara effettivament huwa, illi l-konvenuta gibdet aktar lejn il-lemin meta giet biex tohrog. Kif tinghad tikser il-kurva. Kien f'dak il-mument preciz illi kif il-konvenuta giet biex idur lejn ix-xellug, gibdet aktar lejn il-lemin qisha biex taqta il-kurva u f'dak il-mument ezatt fegg l-attur. L-attur kien fuq is-*side* tieghu. It-Tribunal ma jiskontra xejn fl-operat tal-attur peress li b'xi mod jew iehor jista jigi ritenut responsabbli jew b'xi mod ikkontribwixxa ghas-successjoni tal-istess kollizzjoni.

Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici, jikkundanna lil konvenuta thallas lil atturi s-somma ta' mitejn u tletin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (230.32), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------